MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 736/2011

**Lighthouse Communications Limited**
**(C – 21425)**

**vs**

**Sabrina Mulligan (I.D. Nru. 126394 (M))**
**Gamebox Limited (C – 44856)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat l-1 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi l-intimati fuq indikati huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' hmistax –il elf, mitejn u wiehed u ghoxrin Ewro u disgha u hamsin centezmu, (€15,221.59);

2. Illi l-ammont fuq indikat hu bilanc ta' prezz ghal servizzi moghtija lill-intimati mis-socjeta` rikorrenti li baqa' ma thallasx;

Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti qed titlob permezz ta' din il-procedura, lill-qorti:

1. Tiddikjara lill-intimati debituri tas-socjeta' rikorrenti, fl-ammont fuq gia` ndikat;

2. Tikkundanna lill-istess intimati jhallsu l-imsemmi ammont fuq gia` riferit lill-istess socjeta` rikorrenti;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament;

Rat id-dikjarazzjoni annessa;

Rat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li nonostante li debitament notifikati, l-intimati baqghu ma rrispondewx ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk qieghdin fi stat ta' kontumacia;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta` rikorrenti;

Illi fin-nuqqas t'oppozizzjoni din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet biex ma tilqax in toto, is-sottomissjonijiet dokumentati tas-socjeta` rikorrenti;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti:

1. Tiddikjara li l-intimati Sabrina Mulligan u Gamebox Limited huma debituri in solidum tas-socjeta` rikorrenti Lighthouse Communications Ltd. fl-ammont ta' hmistax –il elf, mitejn u wiehed u ghoxrin Ewro u disgha u hamsin centezmu, (€15,221.59);

2. Tikkundanna lill-istess intimati fuq indikati biex ihallsu in solidum l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata;

3. Bl-ispejjez kontra l-intimati msemmija u bl-imghaxijiet dovuti kif mitluba mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur taghha.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------